## L-E.T. Mons. LUIGI BOCCADORO



Mons. Luigi Boccadoro li għal 36 sena kien Isqof ta' Montefiascone, miet fit-8 ta' Marzu li għadda fl-isptar ta' Montefiascone fl-età ta' 87 sena. Huwa kien maħtur Isqof ta' Montefiascone fit-23 ta' Settembru 1951 meta kellu 40 sena.

Għall-funeral tiegħu li sar fl-10 ta Marzu kien hemm jikkonċelebraw 6 Isqfijiet u 150 saċerdot. Il-Parroċċa tagħna tħossha obbligata lejn dan l-Isqof, għax kien hu li ta l-permess biex tiġi fostna r-relikwija tar-Ras ta' Santa Margerita fl-1968. Huwa kien se jiġi ukoll dak inhar għall-festa però ma' ġiex minħabba l-mewt ta' oħtu.



*Is-Sindku ta' Montefiascone Sig. Mario Tropè qed jipprezenta l-onorifiċenza ta' Montefiascone lill-Arċipriet Dun Tarċisio Camilleri waqt li kien qed jieħu sehem fil-festa ta' Santa Margerita f'Montefiascone fl-20 ta' Lulju 1997.*